**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 25 ta' Gunju 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**
**Vs**
**STEFAN VELLA**

**IL-QORTI**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Stefan Vella, detenur tal-karta ta l-identita Maltija 74678 M, akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fit-8 ta' Lulju 2019 u fil-gimghat ta' qabel;

1) Uzajt vjolenza, inkluz vjolenza morali u, jew psikologika u, jew sfurzajt sabiex gieghelt lil xi hadd jaghmel, hallejt jsir jew inqast milli taghmel, xi haga, jew sabiex tnaqqas l-abilitajiet tal-persuna jew tizola tali persuna jew tillimita l-access ghall-flus, edukazzjoni jew impjieg u cioe lil ommok Rosaria Vella, ta' 74 sena mill-Gzira u dan bi ksur ta l-artikoli 251(1), 251H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2) U aktar talli f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu u cirkostanzi ikkawzajt lil haddiehor, u cioe lil ommok Rosaria Vella, ta' 74 sena mill-Gzira, biza li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra il-propjeta taghha jew kontra persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet u dan bi ksurta I-artikoli 251 (3), 251H, 222(1), 202(h)(iii)(v) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3) U aktar talli f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu u cirkostanzi ikkagunajt griehi ta' natura hafifa lil ommok Rosaria Vella, ta' 74 sena mill-Gzira, skond kif gie iccertifikat minn Dr Bertha Grech Med Reg No 5983 gewwa ic-Centru tas-Sahha Floriana u dan bi ksur ta I-artikoli 221(1), 222(1)(a), 202(h)(iii)(v) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4) U aktar talli f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu u cirkostanzi, persuna li kont taf jew kien missek kont taf li persuna hi anzjana u cioe ommok Rosaria Vella, ta' 74 sena mill Gzira jew adult dipendenti u li, taht cirkostanzi jew kundizzjonijet, hlief dawk li x'aktar jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentament geghelt jew ippermetejt persuna anzjana jew adult dipendenti ssofri, jew gibt fuq dik il-persuna ugigh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli u dan bi ksur ta I-artikoli 257C(1),(2)(b) tal-Ka 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5) U aktar talli f'dawn il-gzejjer fl-istess perjodu u cirkostanzi ingurja jew hedded lil ommu Rosaria Vella, ta' 74 sena mill-Gzira u dan bi ksur ta I-artikoli 339 (1) (e), tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentiment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-Ligi, joghgobha tordna il-hrug ta' ordni ta' protezzjoni

ai termini ta' 1-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta a favur ta' Rosaria Vella mill-Gzira.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa;

Rat l-artikoli permezz tar-*rinvio a giudizio* ta’ l-Avukat Generali li jinsab a folio 58, u l-kunsens ta` l-imputat moghti fl-udjenza ta` llum stess sabiex il-kawza tieghu tigi deciza bir-rit sommarju;

Semghet is-sottomissjoniet finali tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

**Illi dan hu kaz iehor fejn ikun qed jinhela l-hin ta` l-Awtoritajiet koncernati, partikolarment tal-pulizija u tal-Qrati, u mhux wisq b’inqas, tad-Domestic Violence Unit.**

**L-allegata vittma f’dan il-kaz, Rosaria Vella, u zewgha Alfred Vella, li huma wkoll il-genituri ta` l-imputat, ghazlu ghal aktar minn darba, li ma jixhdux kontra binhom l-imputat u li kienu qedin jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali kontra tieghu (ara verbali tad-9/9/2019, tal-15/10/2019 u tas-17/11/2019). Minhabba f’hekk, il-prosekuzzjoni hafna drabi tispicca minghajr sahha, kif fil-fatt gara f’dan il-kaz.**

**In effetti, meta wiehed iqis sew l-atti processwali odjerni, isib li hemm nuqqas sew ta` provi skond il-Ligi.**

**KONKLUZJONI.**

**GHAL DAWN IL-MOTIVI DIN IL-QORTI, minhabba nuqqas ta' provi, issib lill-imputat Stefan Vella mhux hati ta` l-imputazzjonijiet migjuba u konsegwentement tilliberah skond il-Ligi.**

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur